**Meta se titgħallem?**

Meta se titgħallem għall-ġid li tagħmel
Hemm lesti għalik attakki tal-qamel?

Meta se titgħallem li ġieli jħaġġruk
Għall-ġid li twettaq gliegel ta' ħalq jisquk?

Meta se titgħallem li jagħtuk il-ġenb
Mintix tinduna li fihom hemm tad-denb?

Meta se titgħallem min demm miegħek m'għandux
Għall-uġigħ li għamillek sar l-iprem trux?

Meta se titgħallem min għandu għalik
Jagħmel minn kollox ħa jqabqek w jgħallik?

Meta se titgħallem li dawk tal-klikka
Jagħmlu hekk għax kull wieħed jrid jispikka?

Meta se titgħallem min iwaqqgħek għ'ċ-ċajt
Għax spiċċa miskin mirdum b'tal-għira l-ħajt?

Meta se titgħallem li f'dan l-uġigħ
Igri għand Missierek tiegħu iben w bint?

Meta se titgħallem 'l-ġid jagħmlu Ġesù?
Tħaddan miegħu ħa jfejqek u jagħmel Hu!

Int biss fittex is-skiet ħalli kollox f'idejh
Iddewwa, tfarraġ minn ħarset ħbub għajnejh.

Imbagħad erġa' oħroġ ħa tkompli taħdem
Għal Ismu s-setgħani għax hu l-Ħakem!

Patri Mario Attard OFM Cap
8 ta' Jannar 2021